# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET SENA** **STORJA (OPTION)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dan is-sors.**



*Il-Granmastru dieħel l-Imdina fit-13 ta' Novembru 1530*
*(pittura ta' Antoine Favray)*

1. Min hu r-raġel li jidher liebes l-iswed? ____________________________ (1)

2. Xi jfisser is-salib li għandu tmien ponot fuq sidru?

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________(2)

3. Ir-raġel liebes l-iswed qed jieħu xi ħaġa b'idu l-leminija. X'qed jieħu?

   ______________________________________________________________ (1)

4. X’tifsira għandu dan il-ġest?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5. Fejn fil-pittura hemm l-arma tal-Ordni u l-arma tal-Gran Mastru?

______________________________________________________________________ (1)

6. Għaliex taħseb li hemm raġel qiegħed ibus id ir-raġel liebes l-iswed?

______________________________________________________________________ (1)

7. Min kien kuntent bil-wasla tal-Ordni f’Malta u min ma kienx?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**(Total 10 marki)**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dan is-sors.**



1. Liema belt turi din il-mappa? ____________________________________________(1)

2. Min kien il-perit li għamel il-pjanta tas-swar u t-toroq tagħha? ______________________(1)

3. Għal min ssemmiet din il-belt? ____________________________________________(1)

4. Fit-tarf tal-mappa naraw forti bil-forma ta' stilla. X'jismu dan il-forti?

   ____________________________________________________________________ (1)

5. Semmi liġi li ħarġet dwar il-bini li kellu jsir fil-belt fi żmien il-Kavallieri.

   ____________________________________________________________________ (1)

6. F'din il-belt insibu s-Sagra Infermerija. X'kien dan il-post u għalxiex kien jintuża?

   ____________________________________________________________________ (2)

7. Semmi bini ieħor li nbena fi żmien il-Kavallieri ġewwa din il-belt.

   ____________________________________________________________________(1)

8. Agħti **żewġ** raġunijiet għala l-Ordni ddeċidiet li tibni belt f'dan il-post?

   ____________________________________________________________________

   ____________________________________________________________________

   ____________________________________________________________________ (2)

**(Total 10 marki)**

**Ċ. Aqra dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet fuqu.**

Il-kampanja kontra l-klassi privileġġjata fi Franza laqtet ukoll lil diversi Kavallieri Franċiżi li wħud minnhom kellhom jaħarbu minn pajjiżhom. Min-naħa l-oħra, billi l-Ordni ta' San Ġwann kien Ordni reliġjuż, meta r-Rivoluzzjoni ħaditha kontra l-privileġġi u r-rikkezzi tal-Knisja fi Franza, il-Kavallieri sabu ruħhom fil-mira diretta ta' dawk li riedu jikkonfiskaw kollox favur l-istat. U hekk ġara.

Fl-4 ta' Awwissu 1789 tneħħew il-privileġġi kollha u fl-1792 ġew konfiskati l-artijiet kollha tal-Ordni fi Franza… B'hekk, l-Ordni tilef kull ma kellu fi Franza u sab ruħu f'posizzjoni finanzjarja mwiegħra."

*(Zammit V. "Il-Gran Mastri" Vol.18. pp. 500-501)*

1. F'liema sena seħħet ir-Rivoluzzjoni Franċiża? ______________________________ (1)

2. Għaliex il-Kavallieri li kienu jgħixu fi Franza kellhom jaħarbu minn hemm?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

3. Għaliex kienu tant importanti l-artijiet li l-Ordni kellha fi Franza?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

4. Barra s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina li kienet tinsab fiha l-Ordni lejn l-aħħar tas-seklu 18, semmi raġuni oħra għala l-Ordni kienet sejra lura.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

5. Semmi ġrajja fi żmien il-Gran Mastru Ximenes li turi li l-Ordni kienet sejra lura.

______________________________________________________________________ (1)

6. X'ġara f'Malta disa' snin wara r-Rivoluzzjoni Franċiża?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

**(Total 10 marki)**

**D. Ikteb paragrafu ta' madwar tmien sentenzi fuq TNEJN minn dawn.**
B'kollox trid tikteb ŻEWĠ paragrafi.

1. L-Assedju l-Kbir ta' Malta (1565)
2. L-Ordni bħala qawwa fuq il-baħar
3. Proġetti importanti tal-Ordni f'Malta
4. Il-Ħakma ta' Malta minn Napuljun
5. L-Irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi
6. It-tmexxija ta' Sir Thomas Maitland

**(10 x 2 = 20 marka)**

## It-Tieni Parti - Storja tal-Ewropa

**C. Wieġeb billi taqta' sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Il-kelma **RINAXXIMENT** ġejja mil-lingwa (Spanjola, Taljana, Eġizzjana, Latina) u tfisser (mewt, qawmien mill-ġdid, rebħa kbira, sejba importanti).

2. Fl-Italja Ċentrali konna nsibu (Komuni, tributarji, kunsilli, universitajiet) li kienu jiggvernaw lilhom infushom mingħajr indħil ta' ħadd.

3. Fir-Rinaxximent beda jikber il-kummerċ flimkien mal-industrija, biex b`hekk beda jinqered (it-tagħlim fl-universitajiet, il-progress, il-fewdaliżmu, il-fidi fil-Knisja Kattolika).

4. Fir-Rinaxximent twieldu (universitajiet, monasteri, swieq, djar tax-xjuħ) bħal dawk ta` Oxford, Bologna u Pariġi.

5. Fir-Rinaxximent beda jinxtered it-tagħlim wara l-invenzjoni (tat-*type-writers*, tal-kompjuters, tal-kumpass, tal-istamperija).

6. (Il-bżar, il-lumi, il-bajtar tax-xewk, il-larinġ) kien wieħed mill-prodotti li beda jasal minn pajjiżi `l bogħod. Dan beda jgħin ħalli jtejjeb il-platt tal-ikel.

7. Skultur importanti ta' żmien ir-Rinaxximent kien (Macchiavelli, Michelangelo, Ariosto, Magellan).

8. Il-bniedem li skopra l-Amerika kien (Vasco de Gama, Bartolomew Dias, Kristoforu Kolombu, Ernando Cortes).

9. Pajjiż li għen ħafna fis-sejbiet ta' artijiet ġodda kien (Franza, Spanja, il-Ġermanja, l-Iżvezja)

**(Total 10 marki)**



**D. Ħares sew lejn dan is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**

1. Il-personaġġ li jidher f'dan is-sors kien qajjem kontroversja sħiħa kontra t-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Min hu? ______________________________ (1)

2. Iddeskrivi x'qed jagħmel?

______________________________

______________________________ (1)

3. Fi żmien dan il-personaġġ kienet qed tinbena l-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma. Minn fejn kien qed iġib il-flus il-Papa biex iwettaq dan il-proġett?

______________________________(2)

4. Għaliex ħafna nies ma qablux mal-mod kif kienu qed jinġabru dawn il-flus?

______________________________

______________________________ (2)

5. Semmi punt wieħed li miegħu ma kienx jaqbel dan il-personaġġ.

______________________________ (1)

6. X'kien ġara meta dan il-personaġġ baqa' jinsisti kontra t-tagħlim tal-Knisja Kattolika?

______________________________ (1)

7. Semmi mexxej ieħor li pprova jxerred tagħlim reliġjuż ġdid fl-Isvizzera.

_______________________________________________ (1)

8. Xi bdew jissejħu dawk in-nies li pprotestaw kontra l-Knisja Kattolika u t-tagħlim tagħha?

_______________________________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

**E. Ħares sew lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Sors 1**




**Sors 2**




1. L-iskjavi kienu jittieħdu mill-Afrika lejn l-Amerika. X'tip ta' xogħol kien jingħatalhom?

_______________________________________________ (2)

2. Sors 1 jurina kif kienu jitpoġġew l-iskjavi fuq ix-xwieni għall-vjaġġ bejn l-Afrika u l-Amerika. Kif kienet il-kundizzjoni ta' dawn l-iskjavi matul dawn il-vjaġġi?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3. Liema pajjiż Ewropew kien jaqla' ħafna flus mill-bejgħ tal-iskjavi?

_______________________________________________ (1)

4. Minn sors 2 wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

   a. Kemm kellhom jinbiegħu skjavi fit-3 t'Awwissu tal-1769?____________ (1)

   b. X'kien jisimhom in-nies li kienu se jbigħu dawn l-iskjavi?

   _______________________________________________ (1)

5. Semmi żewġ pajjiżi li daħħlu liġijiet sabiex titneħħa l-iskjavitù lejn tmiem is-seklu 18 u l-bidu tas-seklu 19.
_______________________________________________(2)

6. F'liema pajjiż faqqgħet gwerra ċivili minħabba t-tmiem tal-iskjavitù?

_______________________________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

**F. Ikteb paragrafu ta' madwar tmien sentenzi fuq TNEJN minn dawn.**
B'kollox trid tikteb ŻEWĠ paragrfi.

1. Il-proġress li sar matul ir-Rinaxximent.
2. Kif il-Knisja Kattolika ppruvat tiġġieled il-Protestantiżmu.
3. Filosfi magħrufa tal-aħħar tas-seklu tmintax u t-twemmin tagħhom.
4. X'wassal għar-Rivoluzzjoni Franċiża.
5. Napuljun u l-gwerer fuq il-kontinent.
6. It-tmexxija interna ta' Napuljun u r-riformi li għamel.

**(10 x 2 = 20 marka)**